

Brussell, 25 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13254/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0293 (NLE)

ENV 893
CLIMA 370

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 522 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' emenda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 522 final.

Mehmuż: COM(2025) 522 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2025
COM(2025) 522 final

2025/0293 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-
Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma
Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' emenda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-
Ftehim**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA, Agreement on the Conservation of African-Eurasian Migratory Waterbirds) b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' emenda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi

L-AEWA huwa ddedikat għall-konservazzjoni tal-għasafar tal-ilma migratorji u l-habitats tagħhom fl-Afrika, l-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, Greenland u l-Arċipelagu Kanadiż.

L-AEWA, li huwa żviluppat skont il-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji u amministrat mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, jiġbor flimkien il-pajjiżi u l-komunità internazzjonali usa' ta' konservazzjoni bi sforz biex tiġi stabbilita konservazzjoni u ġestjoni koordinata tal-għasafar tal-ilma migratorji matul il-medda migratorja kollha tagħhom.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999. L-UE ilha Parti Kontraenti għal dan il-Ftehim mill-1 ta' Ottubru 2005⁽¹⁾. Bħalissa hemm 85 Parti Kontraenti, 46 mill-Ewrasja (inkluż l-UE) u 39 mill-Afrika. Hemm 24 Stat Membru tal-UE li huma partijiet għall-Ftehim⁽²⁾.

Id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar)⁽³⁾ hija l-istrument fid-dritt tal-UE li timplimenta l-impenji stipulati fil-Ftehim. Id-Direttiva dwar l-Għasafar hija dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet kollha tal-għasafar li jgħixu naturalment fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Tkopri l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet u tistabbilixxi regoli għall-isfruttar tagħhom.

2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet

Il-Laqgħa tal-Partijiet hija l-korp deċiżjonali prinċipali għall-Ftehim. Għandha s-setgħat li tirrieżamina l-Annessi tal-Ftehim u tiltaqa' kull 3 snin. Kull Parti għandha vot wieħed, iżda l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, bħall-Unjoni Ewropea, jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom b'għadd ta' voti li huwa daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet għall-Ftehim. Kwalunkwe emenda ta' Anness trid tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet preżenti fil-laqgħa.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi. ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24.

⁽²⁾ Tliet Stati Membri mhumiex Partijiet għall-Ftehim: L-Awstrija, Malta u l-Polonja.

⁽³⁾ ĠU L 20, 26.01.2010, p. 7, <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:020:0007:0025:MT:PDF>.

Id-disa' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim se ssir mill-11 sal-15 ta' Novembru 2025 f'Bonn, il-Ġermanja.

2.3. L-att previst

Mill-11 sal-15 ta' Novembru 2025, il-Laqqgħa tal-Partijiet għandha tadotta r-Riżoluzzjoni 9.xx dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Annessi tal-AEWA f'konformità mal-Artikolu X, il-paragrafu 5, tal-Ftehim ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jemenda l-Anness 2 tal-Ftehim, il-Pjan ta' Azzjoni tal-AEWA fl-Anness 3 u t-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim. Filwaqt li l-Anness 2 jinkludi l-lista tal-għasafar tal-ilma migratorji li għalihom japplika l-Ftehim, l-Anness 3 jispeċifika l-azzjonijiet li l-Partijiet iridu iwettqu fir-rigward tal-ispeċijiet ta' prijorità. L-ispeċijiet ta' prijorità huma elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness 3 skont ċerti kriterji stabbiliti fl-istess tabella.

L-Artikolu II tal-Ftehim jipprevedi dan li ġej: *"Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri koordinati sabiex iżommu l-ispeċi ta' tjur u għasafar tal-ilma migratorji fi stat ta' konservazzjoni favorevoli jew sabiex jerġgħu jġibuhom f'dak l-istat. Għal dan il-għan, għandhom japplikaw fil-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħhom il-miżuri stipulati fl-Artikolu III, flimkien mal-azzjonijiet speċifiċi determinati fil-Pjan ta' Azzjoni provdut fl-Artikolu IV, ta' dan il-Ftehim"*.

L-att previst se jidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha u se jsir vinkolanti fid-90 jum wara d-data tal-adozzjoni tiegħu mil-Laqqgħa tal-Partijiet, għajr għall-Partijiet li daħħlu riżerva. Waqt il-perjodu ta' 90 jum, kwalunkwe Parti tista' ddaħħal riżerva fir-rigward ta' emenda ta' Anness permezz ta' notifika bil-miktub lid-Depożitarju.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

L-emendi tal-Anness 2 tal-Ftehim, il-Pjan ta' Azzjoni tal-AEWA fl-Anness 3 u t-Tabella 1 tal-Anness 3 li jinsabu fl-att previst ġew proposti mir-Renju Unit⁽⁴⁾, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat Tekniku tal-AEWA:

- (1) L-emendi proposti tal-Anness 2 u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-AEWA fl-Anness 3 huma konsistenti mad-Direttiva dwar l-Għasafar, l-għodda ta' implimentazzjoni legali tal-UE tal-Ftehim, u ma jinvolvu l-ebda modifika fiha. Dawn l-emendi, prinċipalment ibbażati fuq il-progress xjentifiku u l-prinċipju ta' prekawzjoni, se jiġu diskussi mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti rilevanti rigward id-direttivi dwar in-natura u l-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill. Dawn jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-UE, f'konformità mal-Artikoli 3(1) u 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.
- (2) L-emendi proposti tat-Tabella 1 tal-Anness 3 jikkonsistu minn bidliet tal-kategoriji ta' ċerti popolazzjonijiet ta' speċijiet wara l-evidenza miġbura bħala parti mid-disa' edizzjoni tar-Rapport dwar l-Istatus ta' Konservazzjoni tal-AEWA.

Il-maġġoranza tal-emendi proposti huma konsistenti mad-Direttiva dwar l-Għasafar, l-għodda ta' implimentazzjoni legali tal-UE tal-Ftehim, u ma jinvolvu l-ebda modifika fiha. Dawn jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-UE, f'konformità mal-Artikoli 3(1) u 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE.

⁽⁴⁾ Notifika tal-AEWA 2025/016: Proposti li waslu għad-disa' Laqqgħa tal-Partijiet għal Emendi tal-Ftehim, mibgħuta fit-18 ta' Lulju 2025.

Madankollu, il-bidla fl-elenkar ta' popolazzjoni waħda ta' speċi waħda mhijiex konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE (id-Direttiva dwar l-Għasafar). Din l-emenda tikkonċerna bidla mill-Kolonna B2(e) għall-Kolonna A1(b) tat-Tabella 1 għall-popolazzjoni tal-pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) tal-Ewropa tal-Punent u tal-Afrika tal-Punent. Il-bidla prevista għall-popolazzjoni tal-pluviera griża tfisser li l-kaċċa mhijiex se tibqa' permessa skont il-Ftehim, għalkemm l-ispeċi hija elenkata fl-Anness II, Parti B, tad-Direttiva dwar l-Għasafar u b'hekk tista' tiġi kkaċċjata f'xi Stati Membri. Għalhekk, jekk din l-emenda tiġi adottata se tkun tirrikjedi li l-ispeċijiet ikollhom protezzjoni legali aktar qawwija minn dik meħtieġa skont il-liġi tal-UE. Madankollu, il-bidla fl-elenkar hija meqjusa meħtieġa, peress li dan l-aħħar l-ispeċi ġiet elenkata bħala vulnerabbli fil-Lista l-Ħamra ta' Speċijiet Mhedda tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u tar-Riżorsi Naturali (Globali) wara li din ġiet aġġornata fl-2024.

Għalhekk jeħtieġ li tiġi stabbilita pożizzjoni f'isem l-UE skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex din l-emenda tiġi approvata f'isem l-Unjoni. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2006/871/KE, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward tal-emenda proposta dwar il-pluviera griża, kif għamlet għal emendi b'effetti simili fil-laqgħat preċedenti tal-Partijiet. Dan huwa meħtieġ peress li din l-emenda tkun teħtieġ emenda tad-Direttiva dwar l-Għasafar, li mhijiex possibbli fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħha mil-Laqgħa tal-Partijiet.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

Il-Laqgħa tal-Partijiet hija korp imwaqqaf bil-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.

L-att li l-Laqgħa tal-Partijiet tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u għandu l-kapaċità li jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri d-Direttiva dwar l-Għasafar. Ir-raġuni hija li xi azzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kaċċa, li l-Partijiet iridu jwettqu b'rabta mal-ispeċijiet ta' prijetà elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim mhumiex dejjem kompatibbli ma' dak li d-Direttiva dwar l-Għasafar tipprevedi għall-istess speċijiet. Jekk speċi elenkata fl-Anness II tad-Direttiva dwar l-Għasafar ma tkunx tista' tibqa' tiġi kkaċċjata skont l-AEWA, ikun jeħtieġ li d-Direttiva dwar l-Għasafar tiġi emendata.

Skont l-Artikolu 3 tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2006/871/KE fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Komunità, il-Kummissjoni hija awtorizzata "tapprova, f'isem il-Komunità, l-emendi lill-Annessi mal-Ftehim adottati skont l-Artikolu X(5) tal-Ftehim." Madankollu, din l-awtorizzazzjoni hija "limitata għal dawk l-emendi li huma konsistenti mal-liġi Komunitarja u li ma jinvolve ebda modifika tagħha dwar il-konservazzjoni tal-għasafar salvaġġi u tal-ħabitat naturali tagħhom."

Peress li l-emenda proposta tat-Tabella 1 tal-Anness 3 dwar il-pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) teħtieġ emenda tad-Direttiva dwar l-Għasafar, hija meħtieġa deċiżjoni tal-Kunsill biex tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fid-disa'

Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar din il-kwistjoni⁽⁵⁾.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-UE. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw l-ambjent.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att previst tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi se jemenda l-Anness 3, jixraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽⁵⁾ Għall-emendi li ma jkunux jeħtieġu emenda tad-Direttiva dwar l-Għasafar, il-Kummissjoni tista' tapprovahom f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-disa' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' emenda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999 u ġie approvat f'isem l-Unjoni Ewropea bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2006/871/KE ⁽⁶⁾.
- (2) Skont l-Artikolu X, il-paragrafu 5, tal-Ftehim, il-Laqgħa tal-Partijiet tista' tadotta emendi tal-Annessi tal-Ftehim.
- (3) Id-disa' Laqgħa tal-Partijiet, mill-11 sal-15 ta' Novembru 2025, mistennija tadotta riżoluzzjoni dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Annessi tal-Ftehim. Jekk tiġi adottata, l-emenda proposta tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-ispeċi pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) tkun teħtieġ modifika tad-Direttiva 2009/147 u għalhekk ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi li jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3(1) flimkien mal-Artikolu 3(3) tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2006/871/KE.
- (4) Jeħtieġ tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Laqgħa tal-Partijiet dwar l-emenda proposta tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-ispeċi pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) peress li l-emenda se tkun vinkolanti fuq l-UE u kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-UE, jiġifieri d-Direttiva dwar l-Għasafar.
- (5) L-emenda proposta tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessa mir-Renju Unit u stabbilita fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 9.xx dwar l-ispeċi pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) jenħtieġ li tiġi approvata f'isem l-Unjoni Ewropea peress li tgħin biex jinkiseb grad ogħla ta' protezzjoni tal-popolazzjonijiet ta' din l-ispeċi li qed jonqsu.

⁽⁶⁾ ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fid-disa' Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim għandha tkun li ġejja:

L-emenda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessa mir-Renju Unit u stabbilita fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 9.xx tad-disa' Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-pluviera griża (*Pluvialis squatarola squatarola*) għandha tiġi approvata fid-disa' Laqgħa tal-Partijiet f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President